MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (SEDE CIVILI) MALTA

## MAGISTRAT DR. MALLIA MICHAEL LL.D.

Seduta tas-26 ta' Novembru, 2002

Avviz Numru. 509/2002

**Vodafone Malta Limited**
**Vs**
**Carmelo Gauci Limited**

**Il-Qorti,**

Wara li rat it-talba tas-socjeta' attrici ghall-kundanna tas-socjeta' konvenuta ghall-hlas tas-somma ta' tlett elef, tmien mija u erbgha u tmenin lira Maltija u sebgha u hamsin centezmu (Lm3,884.57) rapprezentanti erba' mija u disgha u hamsin lira Maltin u disgha u tmenin centezmu (Lm459.89) hlas ghal servizzi rezi mis-socjeta' attrici lill-konvenut nomine in konnessjoni mal-'mobile phone' bin-numru 99493087, mija u hames liri Maltin u sebgha u sittin centezmu (Lm105.67) rapprezentanti hlas ghal servizzi rezi mis-socjeta' attrici lill-konvenut nomine mal-mobile phone bin-numru 99473743, tlett elef, mitejn u hamsa u sebghin lira Maltin u centezmu (Lm3,275.01) rapprezentanti hlas ghal servizzi rezi mis-socjeta' attrici lill-konvenut nomine in konnessjoni mal-mobile phone bin-numru 99473744 u erbgha u erbghin lira Maltin (Lm44.00)

rapprezentanti hlas ghal servizzi rezi mis-socjeta' attrici lill-konvenut nomie in konnessjoni mal-mobile phone bin-numru 99490525.

Bl-ispejjez, inkluzi dawk tal-Mandat ta' Sekwestru pprezentat konteswalment u bl-interessi mid-data meta l-ammonti pretizi mis-socjeta' attrici fl-Avviz kienu dovuti sad-data tal-pagament effettiv, kontra l-konvenut li gie ngunt ghas-subizzjoni.

Wara li rat in-Nota tal-Mistoqsijiet tas-socjeta' attrici sabiex is-socjeta' konvenuta twiegeb ghalihom bil-gurament u b'hekk il-kreditu jigi pruvat (Art. 698(2) u 702 Proc. Civili);

Billi ghalkemm notifikata regolarment is-socjeta' konvenuta naqset u ma dehritx, la fid-19 ta' Novembru, 2002, meta gew ipprezentati l-kapitoli u l-anqas illum, u n-Nota tal-Mistoqsijiet tisthoqq li tkun emmnuta u ghalhekk ghandha tittiehed bhala mistqarra;

Tiddeciedi billi tilqa' t-talba attrici bl-ispejjez kontra s-socjeta' konvenuta.

Anthony Zammit
Deputat Registratur